**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 224 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ryan Vella)**

**vs**

**Paul Grima**

Illum, 19 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Paul Grima detentur tal-karta ta' l-identita 146664(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar is-17 ta' Mejju 2020 ghall-habta tat-15:20hrs, ma genb Roundabout fl-inhawi maghrufa bhala "Ta' Pennellu" sitwata fi Triq Louis Wettinger (il-Bypass tal-Mellieha), Mellieha:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Melanie Sue Debono f' perikolu car, ikkagunajtilha hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa hekk kif iccertifikata minn Dr. Ian Baldacchino (GP Trainee), mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-20 t' Ottubru, 2020, fejn il- wara li rat artikolu 221 (1) tal-Kodici Kriminali iddikjarat lill-imputat Paul Grima hati tal-

imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal tletin (30) gurnata prigunerija.

In oltre l-Qorti obbligat lill-imputat sabiex ai termini tal-artiolu 383 tal-Kodici Kriminali izomm il-paci ma' Melanie Sue Debono ghal zmien sena mil-lum taht penali ta' hames mitt ewro (€500) u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Rat ir-rikors tal-appellanti Paul Grima minnu pprezentat fit-30 t' Ottubru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata tal-ghoxrin [20] ta' Ottubru 2020 li inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet fuq premessi u b' dana li ma ssibx lill-appellant hati ta' l- akkuzi migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah biex b' hekk tillibera lill-istess appellant minn kull htija, jew alternativament tvarja s-sentenza f' dik il-parti li tikkoncerna l-piena inflitta fuq l-appellant.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-Ewwel Aggravju**

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti illi l-Ewwel Qorti emmnet il-verzjoni ta' Debono dwar kif graw il-fatti, u dana minhabba l-fatt li l-Qorti ma jidhirx li hadet konsiderazzjoni tal-fatt tal-provokazzjoni li sar minn Debono fil-konfront tal-istess akkuzat bil-mossi li saru min-naha taghha u sahansitra nizzlet it-tieqa sabiex zgur jaraha u l-kliem li intuza minnha fil-konfront tal-akkuzat.

**It-Tieni Aggravju**

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-kredibilita' tax-xhieda.

Meta wiehed jara l-verzjonijiet moghtija kemm mill-akkuzat u kemm mill-vittma wiehed jara illi l-akkuzat kien kredibbli. Dana ghaliex jidher car mix-xhieda moghtija minnu fejn huwa spjega x′ gara mument mument u sahansitra ammetta li ta daqqiet lil vittma wara li qaltlu sabiex idahhlu wara.

Pero′ meta wiehed jara l-verzjoni tal-vittma hija kommodamanet semmiet biss li ghamlitlu mossa hazin u fl-ebda mumnet ma semmiet illi nizlet it-tieqa sabiex zgur jaraha u li sahansitra meta mar isaqsiha ghaliex ghamlitlu l-mossa kienet pronta wegbitu sabiex idahhlu wara.

**It-tielet aggravvju**

Illi t-tielet aggravvju jikkonsisti fic-certifikati esebieti minn Debono waqt ix-xhieda taghha.

Illi c-certifikati esebieti a fol 27 et tal-process ma gewx ikkonfermati mit-tobba li harguhom u lanqas gieipprezentat affidavit minnhom stess u ghalhekk kellhom jigu skartati.

**Ir-raba aggravvju**

Illi r-raba aggravju jikkonsisti fil-piena. Illi l-piena tikkonsisti fi 30 gurnata prigunerija effettivi. L-esponent huwa ben konsapevoli tal-fatt li din l-Onorabbli Qorti dejjem irriteniet li l-pieni ghandhom iservu l-iskop ta′ deterrent generali. Pero′ ghandu jinghad ukoll bl-akbar rispett li din l-Onorabbli Qorti, f′ diversi okkazzjonijiet, kellha l-opportunita′ li tirrimarka li ghalkemm l-element tad-deterrent generali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta′ gustizzja kriminali ghandha zzomm f′ mohhha fil-ghoti tal-piena, ghandu li jkun hemm element ta′ proporzjonalita′ bejn il-fatti speci partikolari tal-kaz u l-piena erogata.

Illi fl-appell Kriminali fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs Darren Bugeja</u>**" sentenza moghtija fil-11 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Appell qieset:

*Illi s-socjetà Maltija f' dawn l-ahhar zminijiet dejjem sostniet favur il-gustizzja riparattrici, fejn persuna li zbaljat tinghata cans li ssewwi dan l-izball, u kwindi minflok tkun rinnegata tiehu rwol attiv ghat-titjib tal-hajja gewwa pajjizna, u dan ghandu japplika ghal kull reat kommess, kwindi jemmen li l-piena inflitta ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv.*

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li kien hemm hemm element ta' provokazzjoni min-naha tal-vittma illi certament ma ttehdietx in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti. Barra minn hekk il-partijiet ma jafux lil xulxin u hemm obbligazzjoni li jzomm id-distanza mill-istess Debono taht penali. In oltre u bla pregudizzju ghas-suespost, l-akkuzat jiehu hsieb familja fejn ghandek lill-omm it-tfal marida bil-marda tal-kancer u huwa l-unika persuna li jista jipprovdi ghalihom.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-eduta tal-5 ta Jannar 2021

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok l-appellant fl-ewwel aggravju tieghu qed jikkotnedni li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti u danghaleix ma haditx inkosndierazzjoni l-element ta' provokazzjoni li sar minn Debono fil-konfront ta l-akkzuat. Wat li fit-tieni aggravju li hu marbut mal-ewwel aggravju l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata mieta emnet ix-xhieda moghtija minn Debono u skartat ix-xhieda moghtija mill-akkuzat meta fil-fehma teighu kein aktar kredibbli mill-parte civile.

Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[2].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar,** 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[2] U dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-**artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-**artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali**, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed,** 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt,** 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et,** 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris,** 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit,** 31 ta' Mejju 1991.

*'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt* jekk ix-xhieda *għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.'*

Imbagħad l-**artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali** jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-**artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[5],mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l- oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,6 li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu

ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule,* ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** [6]deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

*Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax,

---

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Illi ghalhekk sabeix tagheml dan l-esercizzju din il-Qorti trid tara xi provi tresqu quddiem l-ewwel Qorti.

Il-Prosekuzzjoni esebiet l-affidavit ta' **PC 854 Denis Camilleri** fis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2020. Dan spjega illi nhar is-17 ta'Mejju 2020 ghall-habta tat-3.20p.m il-pulizija tal-Mellieha giet infurmata li kien hemm ragel isabbat fuq karozza gewwa l-bypass tal-Mellieha . Huwa flimkien ma PC 854 u PC 1228 marru flimkien ma tal-RIU u daru l-ekwati diversi drabi izda ma kein deher xejn minn dak li kien rapportat aktar kmieni.

Ftit wara il-pulizija irceviet telefonata mill-allegata vitma Melanie Sue Debono li stqarret li kienet fil-karozza ma genb *Bring in Site*. I-pulizija marru fuq il-post u raaw lis-sinjura Debono li kellha feriti vizibbli f'wiccha u din stqarret li kienet qeda issuq il-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni MEL 094 lejn il-Mellieha u fil-bypass qabzet vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACO 894 u kien dak il-hin li x-xuffier ta' din il-vettura beda idoqq il-horn u jsuq b'manjera perikoluza lejn id-direzzjoni taghha waqt li kwazi qaleb mutur.

Melanie stqarret li kienet ghamlet sinjal b'subagjha tan-nofs lejn dak li kein qabizha u appena waslu lejn ir roundabaout ta hdejn ta' Pinellu huwa haeg mill-akrozza u beda jghatiha go rasha u wiccha. Melanie giet murija ritrtti ta sid il-vettura ejn kkonermat lli kienet l-istess persuna li giet murija fir-ritratt li kien aggrediha . Saret tfittxija ghal din il-vettura fiz-zona tal-incident izda kien ghal xejn u ghalhekk il-pulizija baghtet ghal sid il-vettura u dan mar ikellimhom l-ghassa tal-pulizija tal Qawra. Melanie giet mehdua ghal kura minn mebri tal-famuilja taghha.

**PC 1228 Joseph Vella** ukoll xehed permezz ta' affidavit prezentat fl-atti u dan ikkonferma dak kolli stqarr OC 854 Denis Cammileri

**Melanie Sue Debono** xehdet viva voce il-Qorti nhar l-20 ta' Ottubru, 2020 u spjegat li nhar is-17 ta' Mejju, 2020 ghal-habta tat-3.15 kienet ghadha kemm nizlet mill-vapur ta' Ghawdex u kienet qed issuq wara Paul Grima. Tghid li kienet qed issuq warajgh fuq il-karreggjata tal-lemin telghin it-telgha qabel ma tasal ghar-roundabout mgharufa Ta' Pennellu. Hija marret biex taqbzu u hekk ghamlet u giet wara mutur. Imbaghad giet biex taqbez il-mutur biex terga tigi fuq il-karregjata tal-lemin. Tghid li x'hin qabzet lil Grima dan beda ipaqpqilha l-horn u ipetpitlha d-dawl u dak il-hin tghid li harget idha u ghamlitlu mossa. Dan baqa' isegwiha ma genbha, qalaghha gie quddiem il-mutur u kompla isegwiha u irossha mal-barriers it-triq kollha sakemm waslu hdejn ir-roundabaout Ta' Pennellu u dak il-hin qabizha u ghalqilha t-triq billi qaghad quddiemha.

Tghid li kellha tieqaf bilfors. Dan qabad u hareg mill-karozza, zaqqu barra u hafi. Mar fejn il-karozza taghha. Tispjega li dak il-hin kellha it-tieqa tal-karozza imnizzla. Bla kliem u bla sliem beda itiha daqqiet bl-adocc bil-ponn go rasha u go woccha. Tghid li ma kellu l-ebda hniena. Tghid li kienet wahdeha u dak il-hin infixklet. Kienet bit-tieqa imnizla u bis-seat belt u ma setghetx tiddefendi ruhha.

Imbaghad tghid li cemplet lill-pulizija u marret il-Mosta Health centre. Fuq il-post tghid li kien hemm vettura tal-kiri b'erba' guvintur barranin go fiha u din waqfet biex ituha l-ghajnuna. Tghid li wiehed minnhom mar biex iwaqqaf l-aggressur Grima u dan hareg bicca hadida u kien ser itih biha. Tghid li dawn l-erbat irgiel baqghu maghha sakemm gew il-pulizija.

Tghid li imbagahd fuq il-post waslu missierha, l-gharus taghha u huha. Murija ic-certifikat mediku esebit fl-atti a fol. 7 tghid li dan gie moghti lilha mit-tabib li ezaminaha. Qalet li kienet miguha u ma setghetx torqod. Hija esebiet zewg ritratti ta' wiccha wiehed mehud saghtejn wara l-incident u l-iehor tlett ijiem wara li juru id-daqqiet li qalghet. Esebiet ukoll ritatt iehor biex tindika kif Grima ghalqilha it-triq bil-vettura tieghu ta' kulur blu tant li ma setghetx tghaddi. Qalet li ftit jiem wara rega marret l-isptar din id-darba Ghawdex ghaliex hija tghix Ghawdex u inghatat certfikat mediku iehor liema certifikat gie markat bhala dok MD2. Hija gharfet l-akkuzat bhala l-persuna li aggrediha.

Mistoqsija in kontro ezami jekk qalitx xi haga partikolari lil Grima meta dan nizel mill-karozza biex ikellimha tghid li lanqas taha chance titkellem u tiddefendi ruhha mill-aggressjoni tieghu. Irrepetiet li kienet libsa is-seat belt u ma nehhitux izda nehhiet in-nuccali minn wiccha ghax bezghet li ha jifqaghulha f'wiccha.

Il-Qorti rat ic-certifikati medici esebiti.l-ewwel wiehed datat 17 ta' Mejju 2020 rilaxxjat minn Dr Ian Baldacchino fic-entru tas-Sahha tal-Mosta. F'dan ic-certfikat Dr Baldacchino jidiskrivi l-feriti li kellha Melanie Sue Debono bhala ' nefha u tbengil fix-xoffa ta' fuq in-naha tax-xellug' u kklasifika dawn il-feriti bhala ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Rat li dan ic-certifikat gie konfemat bil-gurament minn Dr Baldacchino fejn kkonferma l-kontenut tieghu . Ic-certifikat rilaxxjat mnn Dr Jonathon Zammit markat bhala dok MD2 gie rilaxxjat nhar id-19 ta Mejju 2020 u hemmhekk hemm deskritt ukoll in-antura tal-feriti u gew ukoll klassifikati bhala ta natura hafifa salv kumplikazjonijiet.

l-appellant **Paul Grima** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar l-20 ta' Ottubru, 2020. Dan spjega li nhar is-17 ta' Mejju 2020 kien nizel minn il-vapur ta' Ghawdex flimkien ma omm it-tifel u zewgt iklieb u kien tielgha t-telgha b'kemm ittih il-ligi u cioe 50km/fs u ma genbu kien hemm karozza. Appena dinil-karozza qabzitu jghid li ra karozza ghal fuqu biex taqbzu u kieku ma ghafas ghal fuq il-abrriers kienet toqltu zgur Jghid li daqq il-horn u baqa' isuq. Jispejga pero li din is-sinjura li kienet qed issuq il-vettura l-ohra waqfet fit-traffic u nizel mill-karozza beix ighidlha ghalfejn kieent hargitlu subghajha. Jghid li hareg bei xjiehu r-raguni u ighidilha li ' *fuq li ha titfaghni fuq il-barriers*' qallha '*nizziltli t- tieqa u hrigtli subghajk*?' Jghid li wegbitu ' biex idahlu wara'. Qal li meta qaltlu hekk intilef. Qal i pero mhux vera taha dawk id-daqqiet kollha. Mistoqsi kemm il-daqqa taha jghid li wahda fuq in-nuccali. Jghid li wara telaq'l hemm.

Fil-kwadru tal-provi fuq espost l-ewwel Qorti hasset li verament l-*parte civile* setghet harget subajghha lejn l-appellant izda dan ma l-agir ghalkemm mhux rakkomandabbli ma kienx jammonta ghall-licenzja sabiex l-appellant jaqbad jaggrediha u jitlef kul sens ta' proprozjon. Id-difiza resqet id-difiza tal-provokazzjoni anke quddiem l-ewwel Qorti pero din giet rigettata mill-ewwel Qorti.

Illi l-imputat qed jissolleva l-iskriminanti tal-provokazzjoni a tenur ta'l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt."

Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** [7]gie deciz:

"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'lazzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta il-gurista **Francesco Antolisei** in konnessjoni ma' l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk:

*"la situazione psicologica di cui trattasi 3 deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"*[8]

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Illi ma hemmx dubbju illi l-provokazzjoni li jallega l-imputat sehhet fil-mument li sehh dana l-incident jew l-agressjoni da parti tieghu fuq l-parti leza.

Madanakollu l-Qorti ma jidhrilix illi f'dana il-kaz ir-reazzjoni ta' l-imputat kienet wahda illi ittellef il-kontroll f'bniedem ta' temperament ordinarju. Dina il-prova ghamilha l-imputat stess. Bizzejjed jinghad li meta mistoqsi x'kienet ir-reazzjoni tieghu meta l-parte civile hargitlu subghajha jghid li tilifha u jammetti li aggrediha

---

[7] Deciz mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Settembru 2004

[8] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 - 397

billi jghid hu taha daqqa f'wiccha. Jinghad li din il-versjoni tieghu fejn jghid li taha daqqa wahda biss mhiex vero simili meta l-Qorti ezaminat ir-ritrati esebiti u rat il-feriti li issubiet l-istess Debono. Jinghad ukoll kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti li skond l-artikolu 230 (a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta offiza volontajra (kif inhi dik moghtija fil-konfornt tal-appellant) hija skuzabbli jekk tkun provokata minn delitt ta' kul xorta li jkun kontra l-persuna. F'dan il-kaz dak li ghamlet l-parte civile jammonta ghal kontravenzjoni u mhux reat. Minkejja dan zgur ma jirrizultax l-estremi tal-provokazzjoni. Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, l-ewwel Qorti sewwa ddikjarat illi l-estremi legali tad-difiza tal-provokazzjoni ma jirrizultawx ippruvati f'dana il-kaz. Sewwa ghalet ukoll li emnet il-vesjoni tal-fatti kif spejgati mill-parte civile ghaliex huma aktar veritieri u attendibbli fil-kwadru tal-provi prodotti

Fit-tielet aggravju l-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati ghaleix ic-certfikat mediku esebit fl-atti ma giex konfermat mit-tabibn li irrilaxxjah. Din il-Qorti tirrielva li ma hux minnu li ic-certfikat mediku ma geix konfermat fl-atti a fol. 12 hemm l-affidavit rilaxxjat minn Dr Ian Baldacchino fejnjikkonfermalikein ezamina lill-parte civile nahr is-17 ta Mejju 2020 fl-16.46 fic-centru tal-Mosta u sab li kellha ' nefha u tbengil fix-xoffa ta' fuq in-naha tax-xellug'. Dawn huma l-sitess feriti deskritti minnu fic-certfikat esebit a fol. 7. Izda din il-Qorti izzid tghid li anke keiku c-certfikat mediku ma kienx ikkonfermat mit-tabib xorta kien jikkostwixxi prova fid-dawl ta' dak li gie deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Generoso Sammut**[9]. Dan it-tielet aggravju qed jigi respint.

Jibqa ghalhekk li jigi trattat ir-raba aggravju dwar il-piena fejn l-appellant qed isostni li l-piena imposta mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u fl-ghoti tal-piena ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita' bejn il-fatti speci partikolari tal-kaz u l-piena erogata.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

[9] Deciz mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali nhar it-2 ta' Awwissu 1999

Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta′ prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta′ l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** [10], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Issir referenza ghal dak li gie rilevat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Roderick Spiteri) Vs Roderick Grima**[11] b′referenza ghall-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

(a) the punishment of offenders

(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)

(c) the reform and rehabilitation of offenders

(d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta′ reati ohra, li tista′ twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel. Illi f′dan il-kaz ghalhekk il-Qorti ghandha taghti l-harsien lill-pubbliku billi tassikura li s-sewwieqa fit-triq isuqu b′mod dilgenti u bil-kalma. Illi dan l-agir tal-appellant li jaggredixxi mara li kienet qed issuq ghall-affari taghha zgur li ma jiskuzax l-ghemil tieghu u l-Qorti tikkundannah bl-aktar mod sever u ma hija ser thalli lil hadd jaghmilha ta' cowboy fit-triq a skapitu ta' haddiehor.

---

[10] Deciz mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Jannar 2001
[11] Deciz mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Gunju 2019

kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti li taqa' fil-parametri tal-ligi.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeda tichad l-appell interpost mill-appellant u tikkonferma is-sentenza kemm fir-rigward il-mertu kif ukoll fir-rigward il-piena inflitta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur